**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, il-Ħamis 21 ta' April, 2016**

**Kawża Numru 4(Kost.)**

**Rik. Nru. 90/15JRM**

Angelo **MIRAGLIA** bħala kaptan tal-bastiment *Mariella*; Massimo Miraglia; Sebastiano Miraglia; Giovanni Rubera; Kamel Bougi; Karim Bougi; Martino di Benedetto; u l-Bastiment tas-sajd *Mariella* li għandu n-numru tar-reġistrazzjoni SR2425 reġistrat taħt il-bandiera Taljana

vs

**ID-DIRETTUR RESPONSABBLI MIS-SAJD**, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali; u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta' Diċembru, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (a) tisma' l-kawża b'urġenza; (b) issib li minħabba l-fatti msemmija, huma ġarrbu ksur tal-

jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsin bl-artikoli 34, 36 u 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u kif ukoll bl-artikoli 3, 5 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”); (ċ) tħassar kull ordni li ngħata għaż-żamma jew l-arrest tagħhom f’Malta u/jew issib l-istess ordni bħala wieħed invalidu fil-konfront tagħhom; u (d) tagħti rimedju effettiv għall-ksur minnhom imġarrab, magħdud (i) il-ħelsien tagħhom minnufih, (ii) l-ordni li jitneħħa kull xkiel li jżommhom milli jmorru fejn iridu, (iii) l-għoti ta’ kumpens xieraq għall-ksur imġarrab, u (iv) iffissar ta’ kumpens għat-telf li batew bil-konfiska tal-merkanzija (ħut) u l-bejgħ tagħha mill-Gvern lil ħaddieħor.  Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta’ Diċembru, 2015, li bih ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien imqassar għat-tressiq ta’ Tweġiba u qiegħdet il-kawża għas-smigħ għall-21 ta’ Diċembru, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-18 ta’ Diċembru, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għat-talbiet tar-rikorrenti billi, b’mod preliminari, ma opponewx li l-kawża tinstema’ bl-urġenza; billi qalu li l-bastiment *Mariella* ma għandux leġittimazzjoni attiva f’kawża ta’ din l-għamla ladarba ma jistax jitqies bħala ‘persuna’ għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, u bħala oġġett ma jistax jitqies vittma ta’ xi ksur ta’ xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tal-bniedem; li l-intimati Segretarju Parlamentari u Avukati Ġenerali mhumiex il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni tar-rikorrenti li jidher ċar li l-ilment tagħhom huwa dirett lejn l-egħmil tal-intimat Direttur responsabbli mis-Sajd, u għalhekk jitolbu li jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża bi spejjeż għar-rikorrenti; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma’ din il-kawża kif jaħsbu l-*proviso* tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 ladarba r-rikorrenti naqsu li jinqdew b’rimedju ordinarju maħsub fl-artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali biex jiksbu l-ħelsien tagħhom qabel ma daru għar-rimedji li talbu f’kawża bħal din tallum, bħalma setgħu ukoll jiftħu kawża għad-danni dwar il-ħut li kien abbord u li kien konfiskat u mibjugħ mill-Gvern.  Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ebda wieħed mir-rikorrenti ma nżamm b’xi mod arrestat jew iċċaħħad milli jmur fejn irid, ukoll jekk ried imur barra minn Malta, u għalhekk ħadd minnhom ma ġarrab ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni.  Il-fatt li l-bastiment jinsab miżmum f’Malta sakemm jingħalqu l-investigazzjonijiet imnedijin taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta’ Malta ma jfissirx li r-rikorrenti bħala ekwipaġġ inżammu b’arrest huma wkoll.  Għaddew biex isemmu ċ-ċirkostanzi li wasslu biex l-awtoritajiet Maltin żammew lill-bastiment rikorrent f’Malta u

li ż-żmien maħsub mil-liġi għaż-żamma tal-imsemmi bastiment qabel ma jinbdew xi proċeduri kriminali kontrih kien għadu ma għaddiex. L-intimati ċaħdu li huma b'xi mod assoġġettaw lir-rikorrenti għal xi tortura, piena jew trattament inuman jew degradanti taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Dwar l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd tagħhom tat-tgawdija ħielsa tal-possedimenti tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-intimati saħqu li r-rikorrenti jridu juru li huma sidien tal-bastiment u li, f'kull każ, sa issa l-bastiment ma kienx konfiskat, iżda biss miżmum milli jbaħħar sakemm jintemmu l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet Maltin. Safejn l-ilment jirrigwarda l-konfiska tal-ħut li nstab fuq il-bastiment u l-bejgħ tiegħu b'irkant, l-intimati jgħidu li dan sar għal raġunijiet tajbin, skond il-liġi[1] u b'ħarsien tal-jeddijiet ta' sid il-ħut, minbarra li dak il-bejgħ kien miżura proporzjonata;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet;

Rat il-provi dokumentali mressqin minnhom;

Rat in-Nota mressqa mill-intimati waqt is-smigħ tat-8 ta' Jannar, 2016[2];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Jannar, 2016, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti jgħidu li ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kontra l-arrest jew żamma arbitrarja (artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u artikolu 5 tal-Konvenzjoni) billi l-bastiment nżamm f'Malta u huma bħala l-ekwipaġġ ma tħallewx ibaħħru lura fuqu; kontra t-trattament inuman jew degradanti (artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni) minħabba li f'din il-ġrajja kollha tħallew fl-għama u ma ngħataw l-ebda tagħrif mill-awtoritajiet dwar x'kien għaddej; u kontra t-teħid jew indħil fit-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom (artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u artikolu 1 tal-Ewwel

[1] Isemmu l-art. 25 tal-Kap 425 u l-art. 43(1) tar-Regolament 1005/08KE
[2] Paġġ. 215 – 7 tal-proċess

Protokoll tal-Konvenzjoni) billi l-bastiment inżamm milli jbaħħar u billi l-ħut maqbud li nstab abbord ittieħed mill-awtoritajiet u nbiegħ b'irkant. Dawn l-ilmenti ressquhom minħabba li fil-11 ta' Diċembru tal-2015 uffiċjali Maltin għat-tħaris tas-sajd żammew il-bastiment "*Mariella*" milli jħalli Malta wara li fid-9 ta' Diċembru, 2015, daħal fil-Port il-Kbir biex jagħmel tiswijiet wara li ġarrab ħsara fl-iskrun li affettwa t-tħaddim tal-pompa tal-ilma hu u jbaħħar fin-nofsinhar ta' Malta. Il-bastiment itajjar bandiera Taljana u r-rikorrenti l-oħrajn huma lkoll taljani ħlief għal tnejn minnhom li huma tuniżin[3];

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi, b'mod preliminari, ma opponewx li l-kawża tinstema' bl-urġenza; billi qalu li l-bastiment *Mariella* ma għandux leġittimazzjoni attiva f'kawża ta' din l-għamla ladarba ma jistax jitqies bħala 'persuna' għall-finijiet tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u bħala oġġett ma jistax jitqies vittma ta' xi ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tal-bniedem; li l-intimati Segretarju Parlamentari u Avukati Ġenerali mhumiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni tar-rikorrenti li jidher ċar li l-ilment tagħhom huwa dirett lejn l-egħmil tal-intimat Direttur responsabbli mis-Sajd, u għalhekk jitolbu li jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża bi spejjeż għar-rikorrenti; li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' din il-kawża kif jaħsbu l-*proviso* tal-artikoli 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap 319 ladarba r-rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedju ordinarju maħsub fl-artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali biex jiksbu l-ħelsien tagħhom qabel ma daru għar-rimedji li talbu f'kawża bħal din tallum, bħalma setgħu ukoll jiftħu kawża għad-danni dwar il-ħut li kien abbord u li kien konfiskat u mibjugħ mill-Gvern. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-ebda wieħed mir-rikorrenti ma nżamm b'xi mod arrestat jew iċċaħħad milli jmur fejn irid, ukoll jekk ried imur barra minn Malta, u għalhekk ħadd minnhom ma ġarrab ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Il-fatt li l-bastiment jinsab miżmum f'Malta sakemm jingħalqu l-investigazzjonijiet imnedijin taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta ma jfissirx li r-rikorrenti bħala ekwipaġġ inżammu b'arrest huma wkoll. Għaddew biex isemmu ċ-ċirkostanzi li wasslu biex l-awtoritajiet Maltin żammew lill-bastiment rikorrent f'Malta u li ż-żmien maħsub mil-liġi għaż-żamma tal-imsemmi bastiment qabel ma jinbdew xi proċeduri kriminali kontrih kien għadu ma għaddiex. L-intimati ċaħdu li huma b'xi mod assoġġettaw lir-rikorrenti għal xi tortura, piena jew trattament inuman jew degradanti taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew taħt l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Dwar l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-jedd tagħhom tat-tgawdija ħielsa tal-possedimenti tagħhom taħt l-

[3] Dok "F", f'paġġ. 18 – 26 tal-proċess

artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, l-intimati saħqu li r-rikorrenti jridu juru li huma sidien tal-bastiment u li, f'kull każ, sa issa l-bastiment ma kienx konfiskat, iżda biss miżmum milli jbaħħar sakemm jintemmu l-investigazzjonijiet tal-awtoritajiet Maltin. Safejn l-ilment jirrigwarda l-konfiska tal-ħut li nstab fuq il-bastiment u l-bejgħ tiegħu b'irkant, l-intimati jgħidu li dan sar għal raġunijiet tajbin, skond il-liġi u b'ħarsien tal-jeddijiet ta' sid il-ħut, minbarra li dak il-bejgħ kien miżura proporzjonata;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li fid-9 ta' Diċembru, 2015, il-bastiment tas-sajd "*Mariella*" (aktar'il quddiem imsejjaħ "il-bastiment"), li jtajjar bandiera Taljana u għandu r-reġistrazzjoni SR2425, kien jinsab fil-Golf tas-Sirti fin-nofsinhar ta' Malta[4], wara li kien ilu fuq il-baħar mit-3 ta' Diċembru, u wettaq attivita' ta' sajd fi tlitt (3) ijiem minnhom[5]. Ir-rikorrenti kienu ċ-ċorma tal-istess bastiment f'dik l-okkażjoni, bir-rikorrent Miraglia bħala l-kaptan tagħhom. Sidt reġistrat il-bastiment hija waħda Mariarosa Patania minn Sirakuża[6] fi Sqallija filwaqt li l-armatriċi hija s-Soċjeta' Ko-operattiva "*Jonio Pesca*" ta' Sirakuża. Il-bastiment kellu liċenzja tas-sajd "*costiera avvicinata*" li għalqet fit-23 ta' Marzu, 2015[7];

Illi fid-29 ta' Lulju, 2015, ir-rikorrent Miraglia kien talab lill-Awtorita' tas-Sajd f'Katanja, biex ikun jista' joħroġ għas-sajd bil-bastiment minkejja li l-'*log book*' elettroniku ta' abbord kien imħassar. L-imsemmija Awtorita' ħarġet permess provviżorju fit-30 ta' Lulju, 2015, u li kien jibqa' fis-seħħ sad-29 ta' Ottubru, 2015, taħt ir-rabta li jitħarsu l-kundizzjonijiet hemm imsemmija[8]. Fit-30 ta' Ottubru, 2015, l-imsemmi permess provviżorju ġġedded sad-29 ta' Jannar, 2016[9];

Illi għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (19.15) tad-9 ta' Diċembru, 2015[10], l-aġent f'Malta tal-bastiment bagħat jgħarraf lill-Awtorita' tal-Port f'Malta li l-bastiment kien maħsub li jidħol f'port f'Malta għal tiswijiet żgħar[11]. Mal-istess avviż, il-kaptan bagħat jgħarraf lill-awtoritajiet li abbord il-bastiment kien hemm elf kilogramm (1,000kg) ta' pixxispad u lixka għall-ħut[12]. Il-bastiment daħal fil-Port il-Kbir fl-10 ta' Diċembru għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10.00);

[4] Xhieda ta' Angelo Miraglia f'paġ. 141 tal-proċess
[5] Dok "AG2", f'paġ. 37 tal-proċess
[6] Dok "AG1", f'paġ. 36 tal-proċess
[7] Dok "D", f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess
[8] Dok "D", f'paġ. 14 tal-proċess
[9] Dok "D", f'paġ. 15 tal-proċess
[10] Dok "A", f'paġ. 7 tal-proċess
[11] Xhieda ta' Ernest Galea f'paġġ. 156 – 7 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 8 tal-proċess

Illi wara li l-bastiment intalab mill-awtoritajiet portwali biex jittrakka ma' Xatt il-Barriera, xi siegħa wara d-dħul tiegħu fil-Port telgħu fuqu żewġ uffiċjali għat-tħaris tas-sajd biex jispezzjonawh. Huma talbu lir-rikorrent Miraglia jgħaddilhom id-dokumentazzjoni rilevanti. L-ispezzjoni damet mat-tliet kwarti ta' siegħa u ttieħdu ritratti tad-dokumenti u wkoll tal-istiva, li mbagħad kienet issiġillata[13]. Il-kaptan intalab jiffirma r-rapport tal-ispezzjoni u ngħata kopja;

Illi wara li saret l-ispezzjoni, l-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd sabu li l-ammont ta' ħut iddikjarat mill-kaptan ma kienx jaqbel mal-għadd u l-piż tal-ħut (fil-biċċa l-kbira minnu pixxispad) li nstab fuq il-bastiment. L-uffiċjali ikkonfiskaw il-ħut wara li ngħataw struzzjonijiet mis-superjuri tagħhom fid-Dipartiment u b'mod speċifiku mid-Direttur intimat;

Illi l-awtoritajiet Maltin qatgħuha li, minħabba dak li ħareġ mill-ispezzjoni, il-bastiment jinżamm milli jbaħħar minn Malta sakemm jintemm l-istħarriġ. Huma ikkomunikaw minnufih mal-Ambaxxata Taljana f'Malta u għaddiet korrispondenza wkoll bejn l-awtoritajiet tas-sajd f'Malta u l-*Capitaneria di Porto*[14] dwar il-bastiment u dak li nstab fuqu u dwaru[15];

Illi wara li l-ekwipaġġ kien mgħarraf li l-ħut kien sejjer jinqabad mill-awtoritajiet ta' Malta, huma marru jitkellmu mal-Ambaxxata tal-Italja f'Malta[16]. Il-ħut tniżżel minn fuq il-bastiment bejn nofsinhar neqsin kwart tal-11 ta' Diċembru, 2015, u s-7 ta' filgħaxija ta' dakinhar u ntiżen fil-pixkerija fil-preżenza tal-kaptan rikorrent[17]. Il-kaptan ingħata riċevuta tal-ħut miżmum u miżun[18];

Illi l-ħut inbiegħ b'irkant fil-pixkerija fit-12 ta' Diċembru, 2015[19], fuq deċiżjoni meħuda mid-Direttur intimat[20];

Illi fl-14 ta' Diċembru, 2015, ir-rikorrenti fetħu din il-kawża;

Illi fit-18 ta' Diċembru, 2015, ir-rikorrent kaptan Miraglia ngħata kopja tar-rapport tal-ispezzjoni u tad-dokumentazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet Maltin[21];

---

[13] Dok "Ċ", f'paġġ. 9 – 11 tal-proċess
[14] Xhieda ta' Enrico Berti f'paġġ. 132 – 4 tal-proċess
[15] Dokti "EB1" u "EB2", f'paġġ. 41 sa 59 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Gilbert Balzan f'paġ. 191 tal-proċess
[17] Xhieda ta' Wayne Pantalleresco f'paġġ. 200 – 1 tal-proċess
[18] Dok "AG3", f'paġġ. 38 – 40 tal-proċess
[19] Dok "RC3", f'paġġ. 121 – 9 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Randall Caruana f'paġ. 210 tal-proċess
[21] Dok "RC3", f'paġġ. 70 sa 130 tal-proċess

Illi fit-23 ta' Diċembru, 2015, ir-rikorrent Miraglia tressaq b'arrest mill-Pulizija Eżekuttiva quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli b'għadd ta' reati. B'degriet mogħti minn dik il-Qorti dakinhar, ir-rikorrent akkużat ingħata l-ħelsien provviżorju mill-arrest, taħt il-kundizzjonijiet hemm imsemmija[22];

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ, il-Qorti jidhrilha li għandha qabel kollox tistħarreġ l-eċċezzjonijiet preliminari li għadhom mhumiex determinati. Minħabba li bid-degriet mogħti minnha fil-15 ta' Diċembru, 2015, u fid-dawl tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimati, il-Qorti tara li ma hemmx għalfejn aktar tqis din l-ewwel eċċezzjoni u, għaldaqstant, lanqas l-**ewwel talba**, minħabba li l-mertu tagħha huwa eżawrit minħabba li l-kawża nstemgħet fl-aqsar żmien possibbli, b'seduta tinżamm fil-btajjel tal-Milied għat-tressiq tal-provi kollha, u t-trattazzjoni ssir bil-fomm fil-bidu ta' Jannar;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li għandha tirrileva wkoll li, wara li semgħet it-trattazzjoni ta' dan il-każ, u fid-dawl ta' żviluppi oħrajn proċedurali, kienet ġiet mgħarrfa li r-rikorrenti kienu qegħdin jikkunsidraw li jċedu l-kawża, wara li l-biċċa l-kbira minnhom telqu minn Malta. Dan ma ġarax u għalhekk għad hemm il-ħtieġa li tingħata s-sentenza;

Illi, bħala eċċezzjonijiet preliminari, jifdal għalhekk li l-Qorti tqis u tistħarreġ is-siwi tat-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari;

Illi bit-**tieni eċċezzjoni preliminari**, l-intimati jgħidu li l-bastiment ma għandux il-leġittimazzjoni attiva biex iressaq kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali. Huma jgħidu li, ladarba l-bastiment mhuwiex persuna, ma jistax jilminta minn ksur ta' xi jedd fundamentali mogħti lil persuni. Biex isaħħu dan l-argument tagħhom, l-intimati jsemmu t-tifsira ta' "persuna" taħt l-Att XIV tal-1987[23] u jgħidu li bastiment ma jaqa' taħt l-ebda waħda mit-tifsiriet maħsuba f'dik id-dispożizzjoni. Jirreferu wkoll għat-tifsira mogħtija lil dik il-kelma fl-Att XI tal-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili[24] u fl-Att VII tal-1975 dwar l-Interpretazzjoni[25] u jtennu l-istess argument, billi jżidu jgħidu li l-liġi tqis bastiment bħala ħaġa mobbli u mhux bħala persuna[26]. Minbarra dan, irriferew lill-Qorti għal xi sentenzi tal-Qrati Maltin li fissru l-qagħda legali ta' bastiment fi proċedimenti quddiem il-Qrati ;

[22] Dokti "CFS1" u "CFS2", f'paġġ. 216 – 7 tal-proċess
[23] Art. 2 Kap 319
[24] Art. 2 tal-Kap 234
[25] Art. 4(d) tal-Kap 249
[26] Art. 314 tal-Kap 16

Illi għal din l-eċċezzjoni, id-difensuri tar-rikorrenti wieġbu billi qalu li bastiment igawdi minn ċerta personalita' partikolari f'għajnejn il-liġi u li ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-liġi li żżomm milli bastiment jipproċedi f'qorti biex iħares il-jeddijiet tiegħu. Huma jgħidu li fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha ħadd ma jista' jiċħad li l-bastiment għandu interess dirett, attwali u ġuridiku li jressaq l-ilment tiegħu li ġarrab ksur ta' jeddijietu;

Illi l-Qorti tibda biex tqis li l-azzjoni li għandha quddiemha hija waħda ta' lment dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Għalhekk, huwa fid-dawl ta' din l-għamla partikolari ta' azzjoni li trid tqis l-eċċezzjoni preliminari taħt stħarriġ. Fil-fehma tagħha, xejn ma jiswew ir-riferenzi li sarulha dwar il-qagħda ta' bastiment f'azzjoni *in rem* għaliex l-elementi tal-waħda u tal-oħra huma maqtugħa għal kollox minn xulxin, kemm mix-xorta ta' pretensjonijiet li jsiru fihom u wisq aktar mill-għanijiet ewlenin taż-żewġ suriet tal-kawżi;

Illi għall-eċċezzjoni li tirrigwarda l-leġittimazzjoni attiva ta' parti f'kawża jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 780 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara li l-imsemmi artikolu 34 tal-Konvenzjoni ma jagħmilx parti mil-liġi ta' Malta ladarba mhuwiex fost dawk imsemmija fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, biex wieħed jara jekk persuna għandhiex il-leġittimazzjoni attiva biex tressaq u tmexxi 'l quddiem kawża dwar ksur ta' jedd fundamentali taħt il-Konvenzjoni, wieħed ma jistax joqgħod biss fuq id-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu, imma jrid iqis l-aspett tal-interess ġuridiku li parti trid turi li għandha biex tgawdi leġittimazzjoni bħal dik[27];

Illi l-artikolu 780 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li "*L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimita' ta' l-attur jew tal-konvenut tista' tingħata, meta l-wieħed jew l-ieħor huwa inkapaċi skond il-liġi li joqgħod f'kawża, inkella biex iħarrek jew jiġi mħarrek fl-isem u fl-interess ta' ħaddieħor, mingħajr ma jkun awtorizzat skond il-liġi għaldaqshekk*". Il-liġi tgħid[28] li sentenza dwar eċċezzjoni bħal din, meta titqajjem, trid tingħata b'kap għaliha, ukoll jekk tingħata mas-sentenza tal-aħħar;

Illi min-naħa tiegħu, l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni jgħid li "*Il-Qorti tista' tirċievi applikazzjonijiet minn għand kwalunkwe persuna, organiżżazzjoni*

[27] Kost. **29.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Grech et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (sentenza *in parte*); u Kost. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***John Formosa et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et*** (sentenza *in parte*)
[28] Art. 730 tal-Kap 12

*non-governattiva jew grupp ta' individwi li jsostnu li huma vittmi ta' ksur minn naħa ta' wieħed mill-Partijiet Għolja Kontraenti tad-drittijiet kif msemmija fil-Konvenzjoni jew fil-Protokolli tagħha. Il-Partijiet Għolja Kontraenti jimpenjaw ruħhom li ma jfixklux bl-ebda mod l-eżerċizzju effettiv ta' dan id-dritt*";

Illi minn qari tal-Linji-Gwida maħruġa mill-Qorti fi Strasbourg dwar l-elementi meħtieġa biex persuna titqies tajba biex tressaq talba quddiem dik il-Qorti u biex ilment tagħha jista' jinstema' minnha, joħroġ li "*22. Under Article 34, only applicants who consider themselves victims of a breach of the Convention can complain to the Court. It falls first to the national authorities to redress any alleged violation of the Convention. Hence, the question whether an applicant can claim to be a victim of the violation alleged is relevant at all stages of the proceedings before the Court (**Scordino v. Italy (no. 1)** [GC], § 179)*;

"*23. The notion of "victim" is interpreted autonomously and irrespective of domestic rules such as those concerning interest in or capacity to take action (**Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain**, § 35). It does not imply the existence of prejudice (**Brumărescu v. Romania** [GC], § 50), and an act that has only temporary legal effects may suffice (**Monnat v. Switzerland**, § 33)*;

"*24. The interpretation of the term "victim" is liable to evolve in the light of conditions in contemporary society and it must be applied without excessive formalism (**Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain**, § 38; **Monnat v. Switzerland**, §§ 30-33; **Stukus and Others v. Poland**, §35; and **Ziętal v. Poland***, §§ 54-59). The Court has held that the issue of victim status may be linked to the merits of the case (**Siliadin v. France**, § 63)*;

"*25. The act or omission in issue must directly affect the applicant (**Amuur v. France**, § 36). However, this criterion cannot be applied in a mechanical and inflexible way (**Karner v. Austria**, § 25)*;

Illi din il-Qorti tagħraf li mhumiex ftit il-każijiet li tressqu dwar ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali minn persuni ġuridiċi u mhux biss minn persuni fiżiċi, u dan kemm f'Malta[29] u kif ukoll quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[30]. Iżda dan għandu jfisser li bastiment jista' jilmenta bħala

[29] Ara b'eżempju Kost. **30.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Gafa Saveways Ltd vs Avukat Ġenerali et***; u Kost. **12.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***General Workers' Union vs Avukat Ġenerali*** minn fost bosta oħrajn

[30] B'eżempju Q.E.D.B. GC **8.12.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Freedom & Democratic Party (OZDEP) vs Turkija*** (Applik. Nru. 23885/94) §§ 22 – 4; u Q.E.D.B. **7.6.2012** GC fil-kawża fl-ismijiet ***Centro Europa 7 S.r.L. et vs Italja*** (Applik. Nru. 38433/09) §§ 80 – 8, fost bosta oħrajn

'vittma' minn ksur bi ħsara għalih ta' xi jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni?;

Illi huwa mgħallem li "*Anyone who in a relevant respect is subject to the jurisdiction of a State Party and is allegedly a victim of a violation of the Convention by that state may lodge an application. The nationality of an applicant is irrelevant. … Besides individuals, non-governmental organisations and groups of persons may also file an application. … As to the category of non-governmental organisations the Commission decided that they must be private organisations … A wide range of organisations, such as newspapers, churches and other religious institutions, associations, political parties and companies have submitted applications. Although the rights and freedoms laid down in the Convention apply to individuals as well as to non-governmental organisations, some of the rights and freedoms are by their nature not susceptible of being exercised by a legal person.*"[31];

Illi l-Qorti tqis li l-eċċezzjoni hija tajba. Fil-liġi tagħna, bastiment huwa ħaġa ('*res*') u mhux persuna u għalhekk ma jidhirx li minħabba f'hekk jista' jingħad li ħaġa bħal dik tista' ġġarrab xi ksur ta' xi jedd fundamentali li ma għandhiex. Meta wieħed jaqra d-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kostituzzjoni, wieħed isib li dan jgħodd b'saħħa akbar minħabba li kull wieħed mill-jeddijiet fundamentali imħarsin mil-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni jgħodd biss għal persuni fiżiċi jew legali ladarba kull wieħed minn dawk id-dispożizzjonijiet jitkellem dwar "ħadd" u mhux dwar xi kwalifika oħra ta' suġġett li jista' jibbenefika minn dawk il-jeddijiet. F'każ bħal dan, jidher li jekk kemm-il darba jkunu twettqu għemejjel fuq bastiment li jistgħu jħallu effetti fuq persuni fiżiċi jew persuni legali mdaħħlin fit-tgawdija, tmexxija jew tħaddim ta' bastiment bħal dak, il-leġittimazzjoni attiva ta' azzjoni dwar xi lment ta' ksur ta' xi jedd fundamentali tinsab fl-imsemmija persuni u mhux fil-bastiment fih innifsu;

Illi għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati u ssib li l-bastiment "*Mariella*" ma jgawdix il-leġittimazzjoni attiva biex iressaq u jkompli jmexxi 'l quddiem azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali, u sejra teħles lill-intimati kollha mill-ħarsien tal-ġudizzju fil-konfront tal-istess bastiment;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis ir-**raba' eċċezzjoni preliminari** tal-intimati. Biha jridu li l-Qorti ssib li r-rikorrenti naqsu li jinqdew bir-rimedji mogħtijin lilhom mil-liġi 'ordinarja' qabel ma fetħu din il-kawża. Jitolbu

[31] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), § 1.13.2, f'paġġ. 52 – 4

għalhekk biex il-Qorti tagħżel li tieqaf milli twettaq is-setgħat tagħha u ma tqiesx l-ilmenti tar-rikorrenti fil-mertu. L-intimati jgħidu li r-rikorrenti messhom inqdew kemm bir-rimedju mogħti lilhom taħt il-Kodiċi Kriminali[32] u kif ukoll taħt il-Kodiċi Ċivili[33];

Illi għal din l-eċċezzjoni, l-avukati difensuri tar-rikorrenti ma ressqu l-ebda sottomissjoni;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[34]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[35];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li

---

[32] Il-jedd ta' azzjoni kontra r-reat ta' arrest arbitrarju taħt l-art 86 tal-Kap 9 jew ir-rikors għat-talba ta'ħelsien minn arrest illegali taħt l-art. 409A tal-Kap 9
[33] L-azzjoni tad-danni akwiljani taħt l-art. 1030 tal-Kap 16
[34] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[35] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[36]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[37];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[38]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[39];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[40];

---

[36] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[37] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[38] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[39] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[40] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

(f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[41]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[42];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[43]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata biex jinżamm il-bilanċ li ssemma aktar qabel[44];

Illi jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit dan l-aħħar f'kawżi li jolqtu lil Malta[45];

Illi meta l-Qorti tiġi biex tapplika l-prinċipji hawn fuq imfissra għall-każ li għandha quddiemha ssib li m'għandhiex tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha fiċ-ċirkostanzi li jirriżultaw s'issa. Il-Qorti tqis li l-qofol tal-kwestjonijiet legali mqanqla f'din il-kawża – jiġifieri, il-kwestjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali dwar arrest illegali, it-trattament inuman jew degradanti u t-tgawdija paċifika tal-ġid tal-persuna – ma jistgħu jkunu mistħarrġa quddiem l-ebda Qorti oħra jekk mhux din. Fil-fehma tal-Qorti, uħud mill-aspetti ta' dritt imqanqlin fir-rikors promotur kienu tabilfors jeħtieġu li wieħed idur lejn din il-Qorti għall-istħarriġ u d-definizzjoni tagħhom. Minbarra dan, jekk wieħed kellu jimxi mal-kejl tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimati nfushom, għandu joħroġ li wieħed mir-rimedji (dak għat-talba mill-ħelsien fil-każ ta' arrest illegali) ma setax

[41] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[42] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[43] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[44] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[45] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72

jitwettaq, ladarba l-intimati jisħqu li r-rikorrenti ma kienu qatt ġew arrestati; filwaqt li fil-każ tar-rimedju ċivili, joħroġ ukoll ċar li l-azzjoni tal-lum ma titkellimx dwar ħlas ta' danni patrimonjali, imma wkoll rimedji oħrajn;

Illi għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li, fid-dawl tal-fatti kollha tal-każ kif ħarġu sa issa, tal-konsiderazzjonijiet legali magħmula u tas-sottomissjonijiet mismugħa, għandha twarrab ir-raba' eċċezzjoni preliminari tal-intimati u tibqa' tisma' l-kawża u taqtagħha;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis it-**tielet eċċezzjoni preliminari** tal-intimati li biha jgħidu li, fil-każ ta' tnejn minnhom, dawn tħarrku għalxejn għaliex ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-każ. L-eċċezzjoni qiegħda titqajjem mis-Segretarju Parlamentari intimat u mill-intimat Avukat Ġenerali. Dawn jgħidu li l-azzjoni tar-rikorrenti tinbena kollha fuq l-għemil tal-intimat l-ieħor u li dan waħdu huwa l-leġittimu kontradittur tal-azzjoni tar-rikorrenti u jirrappreżenta waħdu lill-Istat Malti f'din il-kawża tal-lum;

Illi hawnhekk ukoll, l-ebda sottomissjoni ma tressqet mir-rikorrenti dwar din l-eċċezzjoni;

Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-għamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-għamla ta' rimedju li jista' jingħata. Ilu żmien li l-Qrati tagħna għarfu din ir-rejalta' u għalhekk sawru d-distinzjonijiet meħtieġa applikabbli għall-biċċa l-kbira mill-każijiet. Għalhekk, illum il-ġurnata jingħarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntradituri f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[46]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni;

Illi jekk wieħed iqis kif inhuma mfassla t-talbiet tar-rikorrenti f'din il-kawża, wieħed isib li, bi tħaddim ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-

[46] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, għall-ilment tagħhom la għandhom iwieġbu s-Segretarju Parlamentari intimat u lanqas l-intimat Avukat Ġenerali. Fir-rigward tal-ewwel, ma ntwera bl-ebda mod li dan kien wettaq jew ordna li titwettaq xi ħaġa li dwarha jilmintaw ir-rikorrenti; fil-każ tat-tieni, lanqas ma ntwera li l-Avukat Ġenerali ddaħħal jew indaħal fl-għoti ta' xi pariri jew fl-użu ta' xi diskrezzjoni dipartimentali li dwarha r-rikorrenti jgħidu li ġarrbu xi ksur tal-jeddijiet tagħhom. Lanqas ma huwa mistenni li dawn iż-żewġ intimati jagħtu lir-rikorrenti xi rimedju minnhom mitlub f'każ li l-Qorti ssib li xi wieħed mill-ilmenti tagħhom huwa mistħoqq;

Illi, min-naħa l-oħra, intwera li d-Direttur intimat kellu sehem attiv u mtenni fil-ġrajja li seħħew f'dawk il-jiem li għalihom tirreferi l-azzjoni tal-lum, u li dak is-sehem twettaq fil-kwalita' tiegħu ta' kap ta' dipartiment tal-Gvern, u għaldaqstant mhux f'xi kwalita' privata. Ladarba dan huwa hekk, ma għandux ikun hemm diffikulta' li l-imsemmi intimat jidher f'din il-kawża bħala rappreżentant u leġittimu kontradittur xieraq tal-pretensjonijiet attriċi fil-konfront tal-Gvern Malti;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tintlaqa';

Illi l-Qorti tista' tgħaddi biex tqis it-**talbiet tar-rikorrenti fil-mertu** u l-**eċċezzjonijiet** li d-Direttur intimat qajjem dwarhom. Ir-rikorrenti jressqu lmenti ta' ksur ta' tliet jeddijiet fundamentali: kontra l-arrest jew żamma arbitrarja (artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u artikolu 5 tal-Konvenzjoni) billi l-bastiment nżamm f'Malta u huma bħala l-ekwipaġġ ma tħallewx ibaħħru lura fuqu; kontra t-trattament inuman jew degradanti (artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni) minħabba li f'din il-ġrajja kollha tħallew fl-għama u ma ngħataw l-ebda tagħrif mill-awtoritajiet dwar x'kien għaddej; u kontra t-teħid jew indħil fit-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġhom (artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni) billi l-bastiment inżamm milli jbaħħar u billi l-ħut maqbud li nstab abbord ittieħed mill-awtoritajiet u nbiegħ b'irkant;

Illi fid-dawl tal-fehma li waslet għaliha dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari, il-Qorti sejra tqis l-ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali biss fir-rigward tar-rikorrenti membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment u mhux tal-bastiment innifsu jew tal-ekwipaġġ bħala "dipendenti" tiegħu;

Illi dwar il-pretensjoni tal-ksur tal-jedd kontra arrest arbitrarju jew illegali r-rikorrenti jisħqu li ladarba l-awtoritajiet f'Malta żammew lill-bastiment milli jsalpa minn Malta, dan ġab l-effett li huma wkoll kienu miżmuma milli jitilqu u għalhekk dan kien effettivament żamma li ssarraf

daqslikieku kienu arrestati. Jgħidu li ladarba kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-bastiment, ma setgħux jaqbdu u jitilqu minn Malta mingħajru u jħalluh għal riħu hawn Malta. L-għaref difensur tar-rikorrenti argumenta wkoll li biex wieħed jitqies li nżamm b'arrest, ma hemmx għalfejn li jkun hemm stat ta' arrest formali[47] u li fid-dawl tad-deċiżjonijiet rilevanti dwar l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, tali arrest kien wieħed 'effettiv'[48];

Illi, min-naħa tiegħu d-Direttur intimat jagħmilha ċara li r-rikorrenti fl-ebda waqt ma kienu miżmuma milli jmorru fejn iridu, wkoll lura lejn djarhom barra minn Malta x'ħin iridu, u li l-insistenza tagħhom li jorbtu l-ħelsien tagħhom mal-miżura kawtelatorja meħuda kontra l-bastiment ma għandha l-ebda siwi. Argumenta wkoll li t-tluq taċ-ċorma minn Malta ma kenitx ser tfisser l-abbandun tal-bastiment, ladarba l-istess bastiment kellu aġenti f'Malta li setgħu jagħmlu dak li kien meħtieġ u jieħdu ħsiebu sa ma jitħalla jbaħħar;

Illi fid-dawl ta' din il-kontroversja bejn iż-żewġ partijiet, xieraq li wieħed iqis x'tifhem il-liġi bil-kelma 'arrest' għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u wkoll tal-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti jibnu dan l-ilment tagħhom fuq l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

Illi ta' min jgħid li jedd tal-liberta' tal-persuna huwa wieħed mill-aktar fundamentali u f'dan ir-rigward jingħad illi *"the overall purpose of Article 5 is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an 'arbitrary fashion'. The essence of Article 5 is that, although the right to liberty is not an absolute one, a person must be detained only on a basis of law and that the law relied upon must be consistent with recognised European standards. Article 5 also safeguards the individual against the illegal deprivation of liberty contrary to Article 5 by requiring that a person in detention be provided with a remedy or remedies by which he can challenge the legality of his detention and obtain compensation if it is not lawful*"[49];

Illi dan ifisser li persuna tista' tinżamm b'arrest jekk kemm-il darba jikkonkorru waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li l-liġi domestika jew il-Konvenzjoni nnifisha jistabilixxu bħala raġunijiet tajba u serji biex il-prinċipju tal-liberta' jkun sagrifikat biż-żamma jew detenzjoni;

---

[47] Biex isaħħu dan l-argument, semmew is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali GMA tas-**16.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Emanuel Cassar) vs Albert Sammut*** (mhix pubblikata) li titkellem dwar sekwestru ta' persuna

[48] Isemmi s-sentenzi Q.E.D.B. **25.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Amuur vs Franza*** (Applik. Nru. 19776/92) §§ 42, 43 u 48; Q.E.D.B. GC **23.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Creanga vs Rumanija*** (Applik. Nru. 29226/03) §§ 84, 88 u 91; Q.E.D.B. GC **29.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Medvedyev et vs Franza***(Applik. Nru. 3394/03) §§ 74 – 5 (każ li kien jirrigwarda ekwipaġġ ta' bastiment merkantili); u Q.E.D.B. GC **17.1.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Stanev vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 36760/06) §§ 121, 132

[49] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 97

Illi b'"arrest" għall-finijiet tal-artikolu 5, wieħed ma jifhimx biss u tabilfors iż-żamma ta' persuna f'faċilita' korrettiva jew ħabs. Kemm hu hekk, l-istess artikolu 5(1) jaħseb għal suriet oħrajn ta' żamma ta' persuni f'istituzzjonijiet u taħt ċirkostanzi li mhux tabilfors għandhom x'jaqsmu ma' twettiq ta' reati jew proċedimenti kriminali, iżda li jġibu l-effett li persuna bħal dik titteħdilha l-liberta' tagħha li tmur fejn trid, għal kollox jew f'biċċa;

Illi b'mod partikolari, l-artikolu 5(1)(ċ) jipprovdi li "*Kulħadd għandu d-dritt għal-liberta' u għas-sigurta' tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta' tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta mil-liġi: ... (ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorita' legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat*";

Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-liberta' tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati[50], u kif ukoll tal-prinċipju konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem huwa prijorita';

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, fil-parti rilevanti tiegħu, jipprovdi li:

"*(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-liberta' personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin: ....*

"*(d) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali; ...*";

Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebh kbir bejniethom) jisħqu dwar il-legalita' tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi

[50] Art. 34(3) tal-Kostituzzjoni u art. 6(2) tal-Konvenzjoni

li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalita' hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi soddisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;

Illi għall-finijiet ta' 'arrest' jew 'detenzjoni' ż-żewġ artikoli jitkellmu dwar iċ-'ċaħda' jew 'privazzjoni' u għalhekk mhux għar-'restrizzjoni' tal-liberta'. Kemm hu hekk, fil-Konvenzjoni l-limitazzjonijiet tal-liberta' ta' dak li jkun hija mħarsa b'artikolu ieħor[51] li r-rikorrenti ma jistrīħux fuqu f'dan l-ilment tagħhom. Sakemm persuna ma tkunx inġabret u nżammet formalment minn xi awtorita' kompetenti, il-kwestjoni dwar jekk persuna tinsabx jew le arrestata tieħu s-sura ta' kwestjoni ta' fatt li għaliha wieħed japplika kriterji stabiliti matul iż-żmien biex bihom wieħed jara jekk dak l-istat jissarrafx ukoll f'qagħda ta' arrest jew żamma. Huwa mgħallem li "*In order to determine whether there has been a deprivation of liberty the starting point is, in the opinion of the Court, the individual situation of the person concerned. Further, account must be taken of the special circumstances such as the type, duration, effects, and manner of implimentation of the measure in question. The degree of supervision and the effects on the possibilities of maintaining normal social contacts are also relevant*"[52];

Illi l-fatt li persuna tqiegħed lilha nnifisha minn rajha taħt il-kontroll ta' awtorita' pubblika ma jnaqqas xejn mill-fatt li dik il-persuna tista' titqies taħt arrest[53]. Lanqas il-fatt li żamma bħal dik ma ttulx għal bosta ħin ma tfisser li persuna ma tistax titqies arrestata tul dak il-ħin[54]. Minbarra dan, "*the purpose of measures by the authorities depriving applicants of their liberty no longer appears decisive for the Court's assessment of whether there has in fact been a deprivation of liberty. To date, the Court has taken this into account only at a later stage of its analysis, when examining the compatibility of the measure with Article 5§1 of the Convention*"[55]. Daqstant ieħor ikun hemm ċaħda jew privazzjoni ta' liberta' fejn persuna tkun ħielsa li titħarrek minn banda għal oħra, imma f'arja limitata u taħt is-sorveljanza ta' xi awtorita'[56];

Illi l-Qorti tqis li, meta l-qagħda tar-rikorrenti titqiegħed fil-kejl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm issemmew, ma jirriżultax li huma

[51] Art. 2 tar-Raba' Protokoll
[52] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Op. cit*, § 9.3.1, f'paġ. 458
[53] Q.E.D.B. **9.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***I.I. vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 44082/98) § 87
[54] Q.E.D.B. **24.6.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Foka vs Turkija*** (Applik. Nru. 28940/95) § 75
[55] Q.E.D.B. **22.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Soare et vs Rumanija*** (Applik. Nru. 24329/02) § 234
[56] Q.E.D.B. GC **6.11.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Guzzardi vs Italja*** (Applik. Nru. 7367/76) § 95 u Q.E.D.B. **27.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Shemsa vs Polonja*** (Applik. Nru. 45355/99) §§ 45 – 7

kienu tabilħaqq taħt arrest f'xi ħin partikolari. Fl-ewwel lok, il-qagħda tagħhom trid titqies lil hinn mill-qagħda tal-bastiment. Fit-tieni lok, ma kien hemm l-ebda restrizzjoni fuq l-ebda wieħed mir-rikorrenti dwar fejn setgħu jmorru jew f'liema ħin. Fit-tielet lok, sakemm l-awtoritajiet tad-Dipartiment tas-Sajd ma kenux fuq il-bastiment biex jagħmlu l-aċċertamenti tagħhom, ir-rikorrenti ma kienu miżmuma taħt l-ebda sorveljanza u setgħu jmorru fejn jogħġobhom. Setgħu wkoll jikkomunikaw ma' min riedu, kif jidher li sar, meta baqgħu f'kuntatt mal-familji tagħhom fi Sqallija u mas-sidien tal-bastiment u kienu telgħin u neżlin l-Ambaxxata tal-Italja biex jikkonsultaw bla xkiel mad-dipendenti ta' dik il-missjoni diplomatika, saħansitra qabel ma ħallew lill-uffiċjali tad-Dipartiment jitilgħu abbord biex jikkonfiskaw il-ħut. Fir-raba' lok, għalkemm sakemm infetħet din il-kawża lkoll jidher li kienu jinsabu f'Malta, matul is-smigħ tal-kawża wħud minnhom kienu marru lura pajjiżhom bla ma ħadd żammhom hawnhekk. Fil-ħames lok, ir-rikorrent Miraglia nnifsu stqarr[57] li l-proċedura tal-imbark fuq il-bastiment min-naħa tal-uffiċjali għat-tħaris tas-sajd kienet waħda li ssir is-soltu u 'normali' li minnha l-istess bastiment (u l-istess rikorrent) jgħid li kien għadda qabel f'okkażjonijiet oħrajn li kien f'Malta qabel dakinhar. Fis-sitt lok, meta r-rikorrent Miraglia tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huwa talab u ngħata l-ħelsien mill-arrest dak inhar stess;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għal din il-fehma, ma hemmx għalfejn tqis ukoll jekk jidħlux fis-seħħ xi waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi biex tiġġustifika ċ-ċaħda tal-liberta'. Jingħad biss li wkoll kieku kien hemm xi arrest ta' xiħadd mir-rikorrenti, kien hemm mad-daqqa ta' għajn ċirkostanzi biżżejjed – irregolarita' fil-liċenza tat-tbaħħir, nuqqasijiet fit-tagħmir tal-bastiment, nuqqasijiet fuq l-identifikazzjoni minn barra tal-bastiment, il-provenjenza u d-denunzja tal-ħut misjub abbord, fost l-oħrajn – li kienu jiġġustifikaw li l-bastiment jitqiegħed taħt stħarriġ u dan b'ħarsien ta' liġijiet speċifiċi li jirregolaw dawn il-ħwejjeġ[58];

Illi fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti kienu jinsabu taħt arrest jew imċaħħda mil-liberta' tagħhom f'xi ħin rilevanti u għalhekk ma ssibx li setgħu tassew jilmentaw minn xi ksur tal-jedd tagħhom li ma jiċċaħħdux minn dak il-ħelsien kemm taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

Illi l-Qorti ser tqis l-ilment tar-rikorrenti dwar <u>ksur tal-jedd li ma jingħatawx trattament degradanti jew inuman</u>. Huma jistrieħu kemm fuq id-

[57] Xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 152 tal-proċess
[58] Ara x-xhieda ta' Randall Caruana f'paġ. 172 dwar in-nuqqasijiet li dwarhom id-Dipartiment wasal biex qies jekk kellux imexxi kontra r-rikorrenti.

dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 36 jgħid li "*(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti. (2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorita' ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwestjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabilita. ...*";

Illi l-imsemmi artikolu jixxiebah ħafna fil-binja u fit-tifsira tiegħu ma' l-artikolu korrispondenti (artikolu 3) tal-Konvenzjoni li "*Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti*";

Illi bil-kliem "trattament degradanti" wieħed jifhem "*treatment that humiliates or debases ... Degrading treatment in the sense of article 3 is conduct that 'grossly humiliates', although causing less suffering than torture. The question is whether a person of the applicant's sex, age, health, etc., of normal sensibilities would be grossly humiliated in all the circumstances of the case*."[59] Hemm differenza wkoll bejn trattament inuman u trattament degradanti. Kull trattament inuman huwa minnu nnifsu wieħed ukoll degradanti, iżda mhux kull trattament degradanti jsir trattament inuman[60], liema trattament "*covers at least such treatment as deliberately causes severe mental and physical suffering*"[61];

Illi mġiba li twassal lil persuna biex tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda jew kontra l-kuxjenza tagħha tista' wkoll titqies bħala trattament degradanti. F'xi każijiet tqies li, flimkien ma' dawn il-kriterji, jkun irid jintwera wkoll li min ikun wettaq l-egħmil degradanti jkun għamel dan bil-fehma jew l-intenzjoni li jżeblaħ, iċekken jew jumilja 'l vittma, imma jidher li jkun iżjed għaqli li wieħed iqis it-trattament li jkun ingħata fiċ-ċirkostanzi konkreti tal-persuna li tkun għaddiet minn dak it-trattament u tal-każ li fih ikun iġġarrab[62], għalkemm ma tiddependix lanqas għal kollox fuq dak li suġġettivament tħoss il-persuna mġarrba[63];

Illi biex iseħħ ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem ħaddieħor .... u jidher li llum hu ġeneralment aċċettat li biex trattament determinat jaqa' taħt il-

[59] Harris, O'Boyle & Warbrick *Op. cit*, paġġ. 80 - 1
[60] Kost. **19.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Meinrad Calleja vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[61] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit., 2008) §IIB – 416, paġ. 575
[62] Kost. **6.12.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.239**)
[63] P.A. (Kost.) TM **19.10.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Gatt vs L-Onor. Prim Ministru et*** (konfermata fil-Qorti Kostituzzjonali fit-**12.2.2008**)

komminazzjonijiet tad-dispożizzjonijiet fuq ċitati[64], jeħtieġ ċertu grad ta' gravita'"[65]. Għalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn sempliċi inkonvenjenza jew disaġju[66];

Illi b'żieda ma' dan, huwa miżmum ukoll li minħabba li 'trattament degradanti u inuman' huma konċetti astratti, biex tassew jista' jingħad li seħħew iridu "jikkonkretiżżaw neċessarjament f'xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta' ċerta gravita'[67] li jitkejjel fuq l-effett li tali trattament ħalla fuq il-persuna li kienet suġġetta għalih[68]; Minbarra dan, jista' jkun il-każ li l-qies dwar jekk imġiba partikolari tkunx waħda li ġġibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun "*judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time .. .. It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings*"[69];

Illi għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova ta' ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa' fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju raġonevoli li tabilħaqq ikun seħħ ksur ta' l-imsemmi artikolu[70]. Irid jingħad li din mhijiex fehma li magħha jaqbel kulħadd[71] Iżda "*such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parties when evidence is being obtained has to be taken into account*"[72];

Illi l-qies ta' jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b'riferenza għaċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li jkun fil-qafas tiegħu, magħduda l-mod ta' kif jingħata, it-tul tiegħu, l-effetti fiżiċi u morali li jħallu fuq il-persuna hekk trattata, u ċirkostanzi oħrajn bħas-sess, l-eta' u s-saħħa tal-vittma. Trattament jitqies bħala inuman meta tal-anqas iġib fuq il-vittma tbatija fiżika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi ġrieħi li jidhru fuq il-ġisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu"[73]. L-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti

[64] F'dan il-każ, jiġifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni
[65] Kost. **20.7.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et*** (Deċ. Kost. II, Għ.S.L., paġ. 549)
[66] Kost. **18.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Testa vs Attard noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIII.i.185)**
[67] Kost. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonello vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol; **LXXXV.i.1**)
[68] Kost. **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[69] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Op. cit*, § 7.3, f'paġġ.412 u 415
[70] Q.E.D.B. **13.6.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anguelova vs Bulgarija*** (Applik. Nru. 38361/97) § 111
[71] Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'paġġ. 241 – 3
[72] Q.E.D.B. **12.4.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Shamaiev et vs Ġorġja u Russja*** (Applik. Nru. 36378/02) § 338
[73] Kost. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Ħabs et***

dwar jekk it-trattament mogħti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut maż-żmien li l-każ ikun qiegħed quddiemha biex tqis l-ilment[74];

Illi l-Qorti ta' Strasbourg semmiet u senslet ukoll prinċipji dwar il-qies ta' trattament inuman jew degradanti jew ta' tortura f'kawżi li tressqu quddiemha kontra Malta, kemm fejn jolqtu l-kundizzjonijiet ta' persuni miżmuma f'faċilita' korrettiva[75] u kif ukoll fil-każ ta' immigranti jew rifuġjati matul iż-żamma tagħhom f'Malta[76];

Illi dwar dan l-ilment, kien biss ir-rikorrent Miraglia li offra li jixhed. Ir-rikorrenti l-oħrajn ma xehdux. Mix-xhieda tiegħu, huwa jgħid li t-trattament inuman twettaq minħabba li l-awtoritajiet ma taw lill-ekwipaġġ l-ebda tagħrif dwar x'kien ser jgħaddi mingħalihom u għal liema raġuni l-awtoritajiet dehrilhom li kellhom iżommu l-bastiment milli jsalpa. Huwa jgħid li dan in-nuqqas ta' għoti ta' tagħrif ġabilhom stat ta' inċertezza u tensjoni u għaliex għalihom il-bastiment kien l-għajn tal-għixien tagħhom u ż-żamma tal-bastiment żammithom 'il bogħod mill-familji u l-għeżież tagħhom;

Illi min-naħa tagħhom, id-difensuri tal-intimat jisħqu li dan l-ilment tar-rikorrenti jrid jitqies fil-qafas li huma ma kinux arrestati jew taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Maltin. Huma jżidu jgħidu li, ladarba r-rikorrenti ma kinux arrestati, l-Istat Malti ma kellu l-ebda obbligu li jmantnihom sakemm idumu hawnhekk;

Illi l-Qorti, meta qieset il-provi mressqin quddiemha u kejlithom mal-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jgħoddu għall-każ, issib li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li r-rikorrenti jew min minnhom kienu ngħataw trattament inuman jew li jbaxxihom. Anqas u anqas jista' jingħad li kienu suġġetti għat-tortura. Il-Qorti lanqas jirriżultalha li r-rikorrenti nżammu fid-dlam dwar l-investigazzjonijiet li d-Dipartiment kien nieda biex jistħarreġ dak li deherlu li kienu irregolaritajiet fuq il-bastiment. Minbarra dan, jirriżulta mill-provi li d-Dipartiment bagħat jgħarraf minnufih lill-awtorita' kompetenti f'Catania dwar iż-żamma tal-bastiment u talabha t-tagħrif u kjarifika biex jitħaffu l-investigazzjonijiet. Din l-awtorita', min-naħa tagħha, allertat lill-Ambaxxata Taljana f'Malta li minnufih jidher li ħadet parti attiva biex kemm jista' jkun jitħaffef it-tluq tal-bastiment u tal-ekwipaġġ tiegħu minn Malta u kif ukoll li tara li ma kien jonqoshom

[74] Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Dilek Sahan et vs Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern et***
[75] Q.E.D.B. **29.10.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Story et vs Malta*** (Applik. Nru. 56854/13) §§ 104 – 6, 115, 119 – 121 u 126
[76] Q.E.D.B. **26.11.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Mahamed Jama vs Malta*** (Applik. Nru. 10290/13) §§ 26 – 9 u Q.E.D.B. **12.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Moxamed Ismaaciil et vs Malta*** (Applik. Nru. 52160/13) §§ 78 – 83

xejn[77]. Ladarba r-rikorrenti jidher li kienu f'kuntatt il-ħin kollu mal-Ambaxxata tagħhom f'Malta[78], wieħed ma jasalx biex jifhem kif ir-rikorrenti jibqgħu jilmentaw li nżammu fil-għama u li tassew ma kinux jafu jew jistgħu jobsru x'kienet ir-raġuni vera għaż-żamma tal-bastiment[79]. Dan jingħad minbarra l-fatt li, mill-provi mressqa, jidher li l-awtoritajiet f'Malta irrilaxxaw kull kopja jew dokument li tħejja lir-rikorrent Miraglia bħala l-kaptan tal-bastiment, li kull darba iffirmah u ngħata kopja. Ir-rikorrenti ma ġabux prova li, sakemm damu f'Malta, ma kellhomx il-mezzi biex jieħdu ħsieb il-ħtiġijiet tagħhom;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti naqsu li jippruvaw li ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li ma jingħatawx trattament inuman jew degradanti sakemm damu f'Malta;

Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex tistħarreġ <u>l-ilment tal-ksur tal-jedd għat-tgawdija bil-kwiet tal-possedimenti u t-teħid tagħhom mingħajr il-ħlas ta' kumpens xieraq</u>. Ir-rikorrenti jsejsu dan l-ilment tagħhom fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 37 jipprovdi (fil-partijiet rilevanti għal dan il-każ) li "*(1) Ebda proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta' ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist – (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq; (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ....*";

Illi tat-tieni jipprovdi li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

[77] Xhieda ta' Enrico Berti f'paġ. 134 tal-proċess
[78] Xhieda ta' Gilbert Balzan f'paġ. 191 tal-proċess
[79] Xhieda ta' Kenneth Cassar f'paġ. 185 tal-proċess

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta'  Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*";

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-għemil li minnu jilmintaw ir-rikorrenti jirrigwarda kemm iż-żamma tal-bastiment milli jbaħħar minn Malta u wkoll il-konfiska tal-ħut li nstab fl-istiva tal-istess bastiment;

Illi l-Qorti tosserva minnufih li ladarba l-ebda wieħed mir-rikorrenti ma huwa sid tal-bastiment, ma jirriżulta l-ebda teħid jew indħil bi ħsara għalihom.  Irriżulta li sidt il-bastiment hija persuna li, għar-raġunijiet tagħha, ma dehrilhiex li kellha tidħol fil-kawża, filwaqt li l-operazzjoni tas-sajd kienet f'idejn ko-operattiva li wkoll mhijiex parti fil-kawża.  Għalhekk, il-Qorti sejra tqis dan l-ilment fuq iċ-ċirkostanza li d-Direttur intimat ordna l-konfiska tal-ħut misjub fuq il-bastiment u li dak il-ħut jinbiegħ b'irkant;

Illi l-provvedimenti tal-artiklu tal-Kostituzzjoni jidher li jitkellmu dwar it-**teħid** ta' pussess b'mod obbligatorju u mhux dwar xi għamla oħra ta' tnaqqis tal-istess pussess.  Kif ingħad f'dan ir-rigward u bi tqabbil mal-ħarsien li jagħti l-artikolu relattiv taħt il-Konvenzjoni, dan ifisser li biex ikun hemm tneħħija jew privazzjoni tal-proprjeta' jeħtieġ jintwera li din tkun seħħet b'effett dirett ta' xi għemil tal-Istat u li ma jkunx biżżejjed li jkun hemm indħil jew ċaħda tad-dritt tad-dgawdija paċifika tal-istess proprjeta' bħala rifless ta' għamil bħal dak[80].  Minbarra dan, ikun seħħ ksur tal-artikolu 37 jekk kemm-il darba t-teħid tal-pussess ma jkunx akkumpanjat bi ħlas ta' kumpens xieraq u jekk dak it-teħid ma jkunx imħares b'liġi u l-persuna li tippretendi kumpens għal teħid bħal dak ma jkollhiex rimedju quddiem qorti, ukoll b'jedd ta' appell;

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni jidher li jagħti firxa usa' ta' ħarsien, billi jirreferi għal "pussess" u mhux tabilfors għal "proprjeta'" u billi wkoll jaqbad fih indħil fit-tgawdija ta' possedimenti u mhux biss it-teħid tagħhom mingħand min ikun qed igawdihom.  L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli.  L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet.  It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali.  It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess

[80] Kost. **30.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Mintoff et  vs  Onor. Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.206**) u Kost. **30.11.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et  vs  Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**)

ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[81] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[82]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi nkiteb minn awturi awtorevoli li "*Article 1 protects 'peaceful enjoyment'. That implies that this provision may also have been violated when a person has not been affected as to his property or possessions per se, but is not accorded an opportunity to use that property, for instance because a necessary permit is refused to him, or because in some other way such restrictions ensue from the legislation or from government measures to the extent that there is no longer any question of a 'peaceful possession'*"[83];

Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tibdel il-konsiderazzjonijiet tagħha f'din il-kawża fi stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrativ. Tħoss li għandha tiffoka biss fuq l-aspetti ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali li r-rikorrenti ġabulha quddiemha. B'żieda ma' dak li ssemma qabel, għandu jingħad li meta qorti tiġi biex tqis jekk kemm-il darba kienx hemm indħil fit-tgawdija tal-possedimenti tal-persuna, jrid jitqies ukoll l-element tal-proprozjonalita' tal-istess egħmil mal-interessi tal-persuna u l-ħarsien tal-jedd fundamentali tiegħu. Kemm hu hekk, dan tqies li jfisser li "*there must be a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measure depriving a person of his possessions*"[84];

Illi dwar dan l-ilment, ir-rikorrenti jgħidu li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex il-ħut li nstab abbord kellu jitneħħa minn fuq il-bastiment u anqas

---

[81] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[82] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75), § 61
[83] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Op. Cit.*, § 17.3.2, f'paġġ. 872 – 3
[84] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak op. cit, § 17.4.2, f'paġ. 881

u anqas kien hemm raġunijiet għaliex kellu jinbiegħ b'irkant jekk tassew kien meħtieġ li jitniżżel minn fuq il-bastiment. L-għaref difensur tar-rikorrenti argumentat li l-ħut seta' jibqa' merfugħ fl-istiva iffriżata tal-bastiment taħt siġill biex l-ebda ħut ma jintmess jew jinbiegħ. Argumentat ukoll li, ladarba d-Direttur intimat deherlu li kellu jordna l-ħatt tal-ħut, dan messu għamel arranġamenti biex il-ħut jinżamm maħżun fi friża u mħares sakemm tinqata' l-kawża u mbagħad, jekk jinstab li ma kienx hemm raġuni tajba għaż-żamma aktar tal-bastiment, jerġa' jintradd lura lill-ekwipaġġ ħalli jkunu jistgħu jbiegħuh huma jew sidt il-bastiment;

Illi l-Qorti tibda biex tosserva li meta d-Direttur intimat wasal għall-fehma li l-ħut kellu jitniżżel minn fuq il-bastiment u jitneħħew is-siġilli li kienu saru fl-istiva mal-ewwel spezzjoni, kien ħareġ diġa' li bejn l-għadd (u l-kejl) ta' ħut dikjarat mill-kaptan qabel ma l-bastiment daħal fil-port ta' Malta u l-qabda (u l-piż) tal-ħut li nstab abbord, kien hemm differenza mhux żgħira. Ir-rikorrent jispjega dan in-nuqqas ta' qbil mal-fatt li, skond hu[85] kellu jiżen il-ħut fuq kalkolu b'għajnejh (ladarba fuq il-bastiment ma kienx hemm imwieżen) u minħabba li s-sistema tagħhom tal-għadd ta' rjus ta' ħut maqbud ma jaqbilx mas-sistema mħaddem f'Malta ("*ma non come pesate voi, pesate diverso dall'Italia, il sistema e' diverso qua*");

Illi mill-provi ħareġ li r-rikorrent kien diġa' talab minn rajh li jitħalla jniżżel il-ħut minn fuq il-bastiment u li l-uffiċjali għall-ħarsien tas-sajd jistaqsu 'l ta' fuqhom jekk setax ibiegħ minnu[86]. Ir-rikorrent innifsu jixhed ukoll li, meta ngħatat l-ordni biex il-ħut jitneħħa minn fuq il-bastiment, hu u sħabu għenu biex iniżżlu l-ħut u jeħduh sal-pixkerija[87];

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ħut ittieħed b'konfiska u li, minħabba n-natura tiegħu, dik id-deċiżjoni kienet timplika li dak il-ħut ma kienx sejjer jintradd lura, imma jinbiegħ b'irkant;

Illi l-Qorti tqis li l-konfiska saret bis-saħħa ta' dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lid-Direttur intimat sewwasew is-setgħa li jaqbad u jiddisponi minn ħut li jista' jmur[88]. Minbarra l-kwestjoni dwar jekk ir-rikorrenti jistgħux jgħidu jekk dak il-ħut huwiex tagħhom jew ta' sidt il-bastiment jew tal-ko-operattiva li kienet qiegħed tħaddmu, intwera li l-ħut inbiegħ b'irkant bis-sistema mħaddem normalment għall-bejgħ tal-ħut fil-pixkerija u ma nġabet l-ebda prova li l-prezz jew rikavat li tħallas għax-xirit tal-ħut kien agħar jew anqas milli kien qiegħed iġib ħut ieħor li kien qed jinbiegħ dakinhar fil-pixkerija. Ħareġ mill-provi wkoll, li kif qal ir-rikorrent innifsu,

[85] Ara x-xhieda tiegħu f'paġġ. 150 – 1 tal-proċess
[86] Xhieda ta' Kenneth Cassar f'paġ. 184 tal-proċess
[87] Xhieda tiegħu f'paġ. 144 tal-proċess
[88] Art. 25 tal-Kap 425 u l-art 43(1)(e) tar-Reg. 1005/08EU

biċċa mill-ħut kien diġa' "rovinato" waqt li kien qed jinqabad (kemm hu hekk, din kienet waħda mir-raġunijiet li r-rikorrent ġab 'il quddiem biex jiġġustifika għaliex ma qiesx il-ħut kollu li kellu abbord meta iddikjara li kien dieħel bil-bastiment f'Malta)[89] jew li kien taħt piż li mhux suppost jinqabad. Għalhekk, wieħed irid jieħu każ ta' din iċ-ċirkostanza wkoll dwar il-prezz li jinġieb f'bejgħ bħal dan u l-kundizzjoni li fiha kien jinsab il-ħut meta ttieħdet id-deċiżjoni li jinbiegħ qabel ma jmur;

Illi l-provi juru wkoll li kull rikavat mill-bejgħ bl-irkant tal-ħut inżamm biex min jistħoqqlu jieħdu wara li jintemmu l-proċeduri jkun jista' jiġbru lura bla xkiel. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tifhem lid-Direttur intimat meta xehed[90] li l-bejgħ minnufih b'irkant tal-ħut konfiskat kienet miżura iżjed għaqlija milli t-tqegħid tal-istess ħut f'xi friża mikrija għal dan il-għan minħabba n-nefqa li kienet titla' għaż-żamma tiegħu. Il-Qorti taqbel li l-miżuri meħuda mill-istess intimat kienu proporzjonati fiċ-ċirkustanzi, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u wkoll għall-finijiet tal-artikolu 37. Tqis ukoll li dik il-miżura ħadet b'kunsiderazzjoni raġunijiet ta' saħħa pubblika u warrbet il-possibilita' li seta' jsir bejgħ direttament mir-rikorrenti bla ma jkun kontrollat;

Illi fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li jekk sar xi ndħil fil-mod kif ir-rikorrenti setgħu jgawdu ħwejjiġhom, dan seħħ fil-qafas ta' dispożizzjonijiet ta' liġi u biex jinżamm il-ħarsien tar-rekwiżiti stabiliti għall-ħarsien tas-saħħa pubblika u li l-miżuri meħuda kienu jwieżnu dawn il-ħtiġijiet mal-jeddijiet li r-rikorrenti jista' jkollhom rigward il-ħut maqbud;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ma ġarrbux ksur u la tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u għalhekk, safejn it-talbiet tagħhom jinbnew fuq dawn id-dispożizzjonijiet, mhumiex sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni** milli tqis aktar l-**ewwel talba** tar-rikorrenti, fid-dawl tad-degriet tagħha tal-15 ta' Diċembru, 2015;

**Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari** tal-intimati u ssib li l-bastiment rikorrent "*Mariella*" ma għandux il-leġittimazzjoni attiva biex iressaq u jmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din tal-lum li fiha jitqajjem ilment ta' ksur

[89] Xhieda tiegħu f'paġ. 150 tal-proċess
[90] Xhieda tiegħu f'paġ. 210 tal-proċess

ta' jeddijiet fundamentali kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari** billi ssib li kemm l-intimat Segretarju Parlamentari intimat u kif ukoll l-intimat Avukat Ġenerali ma humiex il-kontradittturi leġittimi tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti u qiegħda teħlishom milli jibqgħu fil-kawża;

**Tiċħad ir-raba' eċċezzjoni preliminari** billi ssib li għandha twettaq is-setgħat tagħha li tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrenti;

**Tiċħad it-tieni talba** tar-rikorrenti billi ma jirriżulta li huma ġarrbu l-ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif minnhom indikati, u dan kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

**Tiċħad it-tielet talba** tar-rikorrenti billi ma jirriżultax li r-rikorrenti bħala ekwipaġġ kienu arrestati jew miżmuma milli jmorru fejn jidhrilhom;

**Tiċħad ir-raba' talba** tar-rikorrenti billi din hija konsegwenzjali għat-talbiet ta' qabilha; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**21 ta' April, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

**21 ta' April, 2016**